MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF ABIGAIL LOFARO

Seduta ta' l-4 ta' Mejju, 2010

Citazzjoni Numru. 291/2009

**Master Distributors Limited (C 2837)**

**vs**

**Bay Catering Company Limited (C 39785), Dr Clarence Busuttil u Vanya Busuttil**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ippresentat mis-socjeta' attrici fl-24 ta' Marzu, 2009, li *in forza* tieghu, wara li ppremettiet :

Illi bit-termini ta' skrittura privata datata 21 ta' Mejju 2007 (dok A), kif sussegwentament emendata permezz ta' skrittura privata ohra datata 31 ta' Awissu 2007 (dok B), is-socjeta attrici kienet selfet lis-socjeta konvenuta is-somma ta' Lm 5000 (hamest elef lira maltin) illum

ekwivalenti ghall- € 11,646.86 (hdax il-elf sitt mija u sitta u erbghin euro u sitta u tmenin centezmu).

Illi permezz tal-istess skritturi gie regolat bejn il-partijiet il-perjodu li fih is-socjeta konvenuta kellha thallas lis-socjeta attrici ghall-merkanzija lilha mibjugha u kkonsenjata.

Illi fuq l-iskrittura tal-31 ta' Awissu 2007 li emendat dik tal-21 ta' Mejju 2007, l-intimati l-ohra Dr Clarence Busuttil u Vanya Busuttil intrabtu mas-socjeta konvenuta bhala garanti b'mod solidali u indiviz favur is-socjeta attrici u dan ghal dak li jirrigwarda l-obbligi kollha assunti mis-socjeta konvenuta fuq l-iskrittura tal-21 ta' Mejju 2007.

Illi is-socjeta attrici tinsab kreditrici tas-socjeta konvenuta fl-ammont komplessiv ta' € 17,758.33 (sbatax il-elf, sebgha mija u tmienja u hamsin euro u tlieta u tletin centezmu) rappresentanti; kwantu € 10,834.41 (ghaxart elef tmien mija u erbgha u tletin euro u wiehed u erbghin centezmu) bilanc tas-self maghmul mis-socjeta attrici lis-socjeta intimata; kwantu ghall- € 5729.81 (hamest elf, sebgha mija u disa u ghoxrin euro u wiehed u tmenin centezmu) prezz ta' merkanzija mibjugha u kkonsenata lis-socjeta intimata gewwa Toto Restaurant San Giljan (statement dok C) u kwantu ghar-remanenti -€ 1194.12 (elf mija u disa u erbgha u disghin euro u tnax il-centemzu) rappresentanti prezz ta' merkanzija mibjugha u kkonsenjata lis-socjeta konvenuta gewwa Royal Malta Yatch Club. (statement anness Dok d).

Illi skond artikolu 6 tal-ftehim tal-21 ta' Mejju 2007, is-socjeta konvenuta kellha thallas ghall-merkanzija lilha mibjugha u kkonsenjata entro 60 (sittin) jum mid-data tal-invoice relattiva.

Illi is-socjeta konvenuta naqset li taghmel dan, minkejja li giet interpellata diversi drabi.

Illi ai termini ta' klawsola numru 5 tal-iskrittura datata 21 ta' Mejju 2007 is-socjeta attrici fis-17 ta' Frar 2009 informat permezz ta' ittra (kopja annessa Dok E), kemm

lis-socjeta konvenuta kif wkoll lill-konvenuti l-ohra bhala garanti illi hija kienet qed titermina dak il-ftehim.

Illi in vista ta' tali terminazzjoni skond l-istess skritturi hawn fuq imsemmija, il-bilanc tas-self sar dovut minnufih.

Illi l-ammonti dovuti ghall-bejgh ta' merkanzija saru dovuti fi zmien 60 jum mid-data tal-invoice relattiva.

Illi ghal dawn id-djun huma responsabli wkoll, b'mod solidali u indiviz bejniethom mas- socjeta konvenuta, il-konvenuti l-ohra Dr Clarence Busuttil u martu Vanya Busuttill, u dan kif jirrizulta mill-iskritturi hawn annessi bhala Dokument A u Dokument B.

Illi il-konvenuti gew interpellati sabiex jhallsu dan l-ammont kemm verbalment kif wkoll permezz tal-ittra datata tas-17 ta' Frar 2009 izda dawn baqghu inadempjenti.

Illi l-l-esponenti nomine jaf b'dawn il-fatti personalment.

Talbet, wara li jsiru id-dikjarazzjonijiet necessarji u li jinghataw il-provedimenti opportuni, li l-konvenuti jghidu ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex, tilqa' t-talbiet tas-socjeta' attrici :

1. Tiddikjara li l-konvenuti b'mod solidali u indiviz bejniethom huma debituri tas-socjeta attrici fl-ammont ta' € 17,758.33 (sbatax il-elf, sebgha mija u tmienja u hamsin euro u tlieta u tletin centezmu) dovuti kif hawn fuq spjegat.
2. Konsegwentament tikkundanna lill-konvenuti b'mod solidali u indiviz bejniethom sabiex jhallsu lis-socjeta attrici is-somma komplessiva ta' € 17,758.33 (sbatax il-elf, sebgha mija u tmienja u hamsin euro u tlieta u tletin centezmu) rappresentanti kwantu € 10,834.41 (ghaxart elef tmien mija u erbgha u tletin euro u wiehed u erbghin centezmu) bilanc tas-self maghmul mis-socjeta attrici lis-socjeta intimata; kwantu ghall- € 5729.81 (hamest elf u disa u ghoxrin euro u wiehed u tmenin centezmu) prezz ta' merkanzija mibjugha u kkonsenata lis-socjeta intimata

gewwa Toto Restaurant San Giljan (statement dok C) u kwantu ghar-remanenti -€ 1194.12 (elf mija u disa u erbgha u disghin euro u tnax il-centemzu) rappresentanti prezz ta' merkanzija mibjugha u kkonsenjata lis-socjeta konvenuta gewwa Royal Malta Yatch Club. (statement anness document D).

Bl-ispejjez tal-presenti, tal-mandat ta' qbid numru 506/09 u tal-mandat ta' sekwestru numru 505/09 presentati kontestwalment, u bl-imghax legali fir-rigward tal-bilanc tas-self mid-data tal-istess self u cioe' mill-21 ta' Mejju 2007 sal-effettiv pagament, fil-waqt li ghal dak li jirrigwarda il-bejgh ta' merkanzija minn 60 jum wara id-data ta' kull invoice kif tirrizulta mill-istatements hawn annessi sal-effettiv pagament, lkoll kontra l-konvenuti li huma ingunti in subizzjoni.

Rat in-nota tax-xhieda tas-socjeta' attrici;

Rat illi ir-rikors guramentat gie debitament notifikat lill-konvenuti li naqsu li jipprezentaw risposta guramentata u b'hekk baqghu kontumaci;

Ezaminat id-dokumenti u l-atti kollha tal-kawza;

Ezaminat ix-xiehda ta' Louis Camilleri in rapprezentanza tas-socjeta' attrici fis-seduta tal-4 ta' Mejju, 2010 fis-sens illi fil-mori tal-kawza is-socjeta' attrici thallset l-ammont ta' tlett elef tmien mija u erghin ewro u hamsin centezmu (€3,840.50);

Billi mill-provi mhux kontradetti, it-talbiet dedotti fir-rikors guramentat jirrizultaw ippruvati;

Rat in-nota tas-socjeta' attrici li biha irriduciet is-sorte sabiex is-somma dovuta illum hija ta' tlettax il-elf disa' mija u sbatax il-ewro u hamsin centezmu (€13,917.50) stante pagament akkont fil-mori tal-kawza;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet kollha fuq imsemmija, fil-kontumacja tal-konvenuti, tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet attrici attrici, kif konsegwentement ridotta u hekk

tikkundanna lill-konvenuti ihallsu lis-socjeta’ attrici s-somma tlettax il-elf disa’ mija u sbatax il-ewro u hamsin centezmu (€13,917.50);dovuta kif inghad; bl-imghaxijiet kif mitluba u bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------